MALTA

# QORTI CIVILI, PRIM AWLA
# MALTA

## ONOR. IMHALLEF
## CARUANA DEMAJO GIANNINO

Seduta tas-17 ta' Ottubru, 2002

Citazzjoni Numru. 1846/2001/1

**Air Malta p.l.c.**

**vs**

**C V B Services Limited**

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni li biha s-socjeta` attrici, wara li qalet:

Illi s-socjeta` attrici ghandha tircievi minghand is-socjeta` konvenuta s-somma ta' erbgha u ghoxrin elf sitt mja u hamsa u tletin lira Maltin u hamsin centezmi (Lm24,635.50) kwantu ghal erbgha u ghoxrin elf mija u tmintax-il lira Maltin (Lm24,118) rimbors ta' taxxi li thallsu lill-Gvern fir-rigward ta' diversi passiggiera u hlasijiet ohra konnessi f'titjiriet charter rizervati mis-socjeta` konvenuta f'Lulju u Awissu 2001 u kwantu ghal hames mija u sbatax-il

lira Maltin u hamsin centezmi (Lm517.50) ammont relattiv ghall-"Worldspan Service" bejn Jannar u Gunju 2001;

Illi nonostante li s-socjeta` konvenuta giet interpellata anke ufficjalment biex thallas din baqghet inadempjenti;

Talbet illi din il-Qorti:

1. tiddikjara u tiddeciedi l-kawza skond it-talba tas-socjeta` attrici bid-dispensa tas-smigh tal-kawza a tenur ta' l-artikolu 167 et sequitur tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili;

2. tikkundanna lis-socjeta` konvenuta thallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' erbgha u ghoxrin elf sitt mija u hamsa u tletin lira Maltin u hamsin centezmi (Lm24,635.50) kif fuq spjegat u ghar-ragunijiet premessi;

Bl-interessi u bl-ispejjez, komprizi dawk tal-Mandat ta' Sekwesru kawtelatorju prezentat kontestwalment mac-citazzjoni u l-ittra ufficjali tad-9 ta' Novembru 2001 kontra s-socjeta` konvenuta.

Rat ukoll l-*affidavit* mahluf minn Dr. Christopher Spiteri u rat id-dokumenti u l-atti kollha fil-process.

Rat illi c-citazzjoni u l-avviz tas-smigh kienu notifikati lis-socjeta` konvenuta fiz-zmien li trid il-ligi, izda, ghalkemm il-kawza ssejhet tliet darbiet, baqa' ma deher hadd ghas-socjeta` konvenuta.

Rat in-nota tallum li biha l-attrici cediet il-meritu izda zammet it-talba ghall-ispejjez.

Billi ghalhekk l-artt. 167 *et seqq*. tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili jridu li s-sentenza tinghata llum stess bid-dispensa tas-smigh, il-Qorti taqta' l-kawza billi fil-kontumacja tas-socjeta` konvenuta tikkundannaha thallas l-ispejjez tal-kawza.

**Onor. Imhallef Giannino Caruana Demajo LL.D.**

Dep. Reg.

cm